# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tat-Tnejn 9 ta' Jannar 2023**

**Talba nru. 409/2017**

**MARIA SAMMUT**

***VERSUS***

1. **BRIAN MUSCAT, NOEL MUSCAT, CLAYTON MUSCAT, CATHERINE MUSCAT, U MARISA ABDILLA BHALA EREDI TA' VICTOR MUSCAT**

2. **HELEN CIANTAR**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra l-Avviz tat-Talba ipprezentat fl-1 ta' Settembru 2017 (a fol 1 et seq), fejn l-attrici talbet lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont ta' elf u sitt mitt Ewro (Eur 1600) bhala danni komplessivi rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma fil-fond taghha 68, Primrose Triq Censu Busuttil Iklin liema perkolazzjoni ta' ilma jew drenagg kien gej mill-fond 62, Casa Helvic, Triq Censu Busuttil, Iklin.

Illi ghalkemm l-intimati accertaw lill-esponenti illi x-xogholijiet rimedjali fil-fond taghhom kien gie esegwit wara li hija kienet nefqet Eur 900 bhala danni, l-esponenti regghet sofriet minn perkolazzjoni ta' ilma u batiet minn Eur 600 danni ohra. Illi maghdud ma' dan kollu l-esponenti nkorriet ukoll spejjez legali (extra gudizzjarji) fis-somma komplessiva ta' Eur 100.

Ir-rikorrenti ghalhekk talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara:-

a. Illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti, in solidum, jew min minnhom, fis-somma komplessiva ta' Eur 1600 u
b. Jikkundanna lill-intimati, in solidum, jew min minnhom, sabiex ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' Eur 1600, bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet kontra l-intimati li minn issa ngunti in subizzjoni.

Il-Konvenuti innotifikati fil-15 ta' Settembru 2017 (Fol. 11) ressqu risposta fl-4 t' Ottubru 2017 (Fol.13) fejn ecceppew illi :

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-danni reklamati mill-istess ma gewx ikkawzati minn ilma li pperkola mill-propjeta tal-konvenuti kif qed tallega l-attrici izda few kawzati ghal ragunijiet jew minn sorsi ohra.

Illi in oltre u fi kwalunkwe kaz l-attrici kellha l-obbligu li timmitiga d-danni u dan m'ghamlitux u li fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma eccessivi.

Ra ix-xhieda imressqa permezz ta' l-affidavits u viva voce.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri li giet debitament registrata u traskritta. (Fol.86)

Ra l-atti processwali.

<u>Provi</u>

Illi l-ewwel sejjer jghaddi sabiex jaghmel sintezi tal-provi migbura sabiex jevalwa dak li qed titlob l-attrici u l-kontestazzjoni tal-konvenuti.

Fis-16 ta' Jannar 2018, l-attriciipprezentat l-affidavit taghha fejn tiddikjara illi hija tghix fl-indirizz 68, Primrose, Triq Censu Busuttil, Iklin u li biswit l-istess dar taghha jghixu l-konvenuti, Victor Muscat, Helen Ciantar u bibhom Clayton Muscat. L-attrici tghid illi hija flimkien mar-ragel taghha, illum mejjet, kienu ta' spiss jghidu lill-konvenuti bil-problema tal-perkolazzjoni ta' ilma/drenagg u kienu jesigu maghhom illi jsiru xogholijet rimedjali inkluz tiswijiet fil-propjeta ta' l-istess rikorrenti.

L-attrici tghid illi kien ikollha l-hitan appogg ma' dawk tal-konvenuti imxarrab bl-ilma. Fil-fatt f Mejju 2015, "Helen Ciantar kienet qaltli li jien stajt naghmel ix-xogholijiet ta' tiswija billi huma kienu rrangaw il-hsarat fis-sistema ta' l-ilma/drenagg fil-propjeta taghhom." Konsegwenza ta' dan, l-attrici gabet lill-haddiema li ghamlulha xogholijet li swew Eur 900 kif juri dokument ipprezentat ma' l-affidavit.

Minkejja dan kollu, l-attrici tghid illi l-perkolazzjoni ta' l-ilma baqghet tippersisti u ghalkemm il-konvenut Victor Muscat kien irrifjuta, Helen Ciantar kienet dahlet ghand l-attrici biex tara l-hsarat. Saru xogholijiet rimedjali u dawn ammontaw ghal Eur 600.

Xehed ukull Jean Paul Sammut, li jigi iben l-attrici, permezz ta' affidavit. Ix-xhud jghid illi ghalkemm ma jghix ma ommu, huwa jmur izurha ta' spiss u jaf li fis-sena 2015 kien qed jidhol l-ilma/drenagg mill-fond ta' Victor Muscat u Helen Ciantar u din il-perkolazzjoni ta' l-ilma kkagunat hsarat f'diversi hitan ta' l-attrici.

Fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2018, l-konvenuti ezentaw lill-attrici milli ttellgha l-prova dwar l-awtenticita tad-dokumenti esebiti u cioe l-istejjem tax-xogholijiet li saru.

FIs-seduta ta' l-14 ta' Dicembru 2021 xehed Emanuel Muscat li xehed illi l-post 62, Casa Helvic, Triq Censu Busuttil, Iklin qiegħed fuq ismu izda kien jghix fih missieru Victor Muscat mal-partner tieghu Helen Ciantar. Ix-xhud jghid illi l-konvenuti kienu ghamlu xi spejjez ghax ghamlu l-hsara lill-girien ghax marritilhom xi katusa jew pipe. Ix-xhud jaf dan kollu minn dak li sema u milli jaf.

It-Tribunal jinnota wkoll illi fil-mori tal-kawza, gie nieqes il-konvenut Victor Muscat u ghaldaqstant saret l-legitimazzjoni ta' l-atti u ghaldaqstant l-proceduri gew trasfuzi fuq il-hames ulied ta' Victor Muscat u cioe, Brian Muscat, Noel Muscat, Clayton Muscat, Catherine Muscat u Marisa Abdilla ai termini tad-digriet moghti fit-18 ta' Frar 2020.

Galadarba sar dan ir-riassunt tal-provi prezentati, t-Tribunal sejjer jghaddi biex jevalwa l-mertu tal-kaz.

<u>Jikkunsidra</u>

It-Tribunal irid jibbaza d-decizjoni tieghu fuq iz-zewg affidavits prodotti mill-attrici u xhud wiehed prodott mill-konvenuti, liema xhieda hadd minnom ma gie kontro-ezaminat. Dan it-Tribunal mhux tal-fehma li ghandu jistrieh wisq fuq l-affidavit ta' Jean Paul Sammut minhabba l-fatt li dan ix-xhud ma kienx jghix flimkien ma' l-attrici (ommu) u ghaldaqstnat hafna mill-affarijiet li qal fl-affidavit tieghu sar jafom minghand ommu jew kif mitqal lilu.

Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal sejjer jirriskontra x-xhieda ta' l-attrici ma dik ta' Emanuel Muscat. Dan ta' l-ahhar ma jikkontesta xejn minn dak li qalet l-attrici fix-xhieda taghha. Pjuttost ikompli jikkonferma illi veru kien hemm problema fid-dar ta' missieru u li kienet tghajjat lilu bhala sid, liema problema kienet gejja minn xi pipe jew katusa. Specifikament a fol 82 ix-xhud in ezami jghid, "*Issa huma dahlu f'xi spejjez ghax ghamlu xi hsara lill-girien taghhom. . . . . . ghax marritilhom la naf katusa u lanqas xi pipe*." Mistoqsi meta tghid huma ghal min qed tirriferi, x-xhud wiegeb, "*Helen Ciantar u missieri Victor Muscat*". Ix-xhud ikompli jikkonferma li jaf ukoll li minhabba l-hsara f'din il-katusa jew pipe kien dahal xi ilma ghand il-girien u cioe l-attrici.

Illi ghaldaqstant jirrizulta b'mod car u mhux kontradett illi hsarat f'katusa jew pipe fil-fond tal-konvenuti wasslu biex kien hemm perkolazzjoni ta' ilma gewwa l-propjeta ta' l-attrici.

Illi t-Tribunal iqis li l-artikoli rilevanti għal każ in deżamina huwa dawk trattati taht l-artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jistabilixxi "*Izda kull wiehed iwiegeb ghall-hsarat li tigri bi htija tieghu.*"

Illi għal dak li jikkonċerna talbiet simili rigwardanti perkolazzjoni, jingħad li rresponsabbilitá tista tiqies ukoll f'min għandu kustodja ta' fond. Dan jikkonċerna mhux biss il-ġebla fiżika iżda anki, bħal każ odjern, sistema ta' drenaġġ. Il-kolpa tista wkoll tiġi deżunta. Pero fil-kaz in ezami huwa car u ammess illi l-fond kienu joqghodu fih l-konvenuti Victor Muscat u Helen Ciantar u iktar min hekk jghajjat ukoll lil wiehed mill-werrieta ta' Victor Muscat.

F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza "*GasanMamo Inurance Limited pro et noe vs Doreen Vella et, (App Ċiv Nru: 488/2008/1*) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' April 2014 fejn ġie ritenut hekk:

"*Fil-fehma espressa ta' din il-Qorti, f'kazijiet tax-xorta hawn ikkontemplati ta' perkolazzjoni ta' ilma minn fond wiehed ghall-iehor, in-natura oggettiva tar-responsabilita` hi skontata u ben evidenti. Din ir-responsabilita` hi fondata fuq il-fatt illi l-fond li minnu pperkola l-ilma kien taht il-kustodja ta' l-appellanti-sidien tieghu, u huwa dan l-istess fatt li ghandu jassumi l-aktar riljev fil-fattispeci. Dan qed jigi sottolinejat ghaliex, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, gjaladarba tezisti dik il-kustodja fis-sid dan huwa minnu innifsu kriterju ta' responsabilita`, in kwantu jimponi fuq min ghandu d-disponibilita` tal-fond, sija materjali, sija guridika, ir-responsabilita` ghas-sehh ta' certi eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-ricerka tan-ness kawzali bejn xi kondotta negattiva tieghu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruhu*;"

Illi għal dan it-Tribunal tirriżulta r-responsabbiltá, u ċioé li l-konvenuti kellhom l-kontroll u l-kustodja tal-fond 62, Casa Helvic, Triq Censu Busuttil, Iklin. L-ingress u l-ħsara ġew debitament ipprovati anke a bazi ta' l-istess ammissjoni ta' Emanuel Muscat.

Illi dwar l-ammont mitlub, dan ukoll ġie ppruvat bid-dokumentazzjoni u korrispondenza kollha li giet prodotta mill-attrici u li ma giet kontradetta bl-ebda mod. Anzi jinghad illi meta l-konvenuti ezentaw lill-attrici milli jtellghu l-prova dwar l-awtenticita tad-dokumenti esebiti ma setghux wara jikkontestaw tali veracita u ghaldaqstant dawn id-dokumenti ghandhom jigu emmnuti. Għalkemm il-konvenuti jgħidu, li l-ammont huwa esaġerat, għal darba oħra huma baqghu passivi u inerenti f'dan ir-rigward. Id-dokumenti prezentati mill-attrici ma jistax jingħad li huma esagerati.

Illi t-Tribunal ma jistax jaqbel fuq l-ispejjez extra gudizzjarji li nkorriet l-attrici stante illi ma hemm l-ebda prova ta' dan u lanqas gie ipprezentat xi dokument jew ircevuta in sostenn ta' dak pretiz.

Illi dikjarat dan kollu, it-Tribunal iqis li l-istanza attriċi ġiet pruvata soddisfaċentement.

**Decide**

Ghaldaqstant**,** it-Tribunal qieghed jiddeciedi dan l-Avviz, billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti *in solidum*, jhallsu lill-attrici l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (Eur 1500.00) bl-imghax legali mill-1 ta Settembru 2017.

L-Ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenuti.

**Dr. Duncan Borg Myatt B.A.,LL.D**
Gudikatur